**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 7 ta' Marzu 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**Vs**

**CRISTINO GRECH**
**CARMELO GRECH**

Kump Nru 487/2003

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati Cristino Grech detentur tal-karta tal-identita numru 111272M u Carmelo Grech detentur tal-karta tal-identita numru 274570M, gew akkuzati talli:

1. Fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Novembru 2000 f'San Pawl il-Bahar, ikkommettejtu serq ta' gaffa tat-tip 'Bobcat' li kienet f'Xemxija Bypass, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta' Marco Bonnici mix-Xaghra Ghawdex;

2. Kif ukoll talli fil-Maghtab limiti tan-Naxxar u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Jannar 2003 u fis-snin ta' qabel din id-data xjentement ilqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-elf Lira Maltin, li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indhaltu biex tbieghhuhom jew tmexxuhom;

3. U aktar talli fil-21 ta' jannar 2003 u fis-snin ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, sabiex tiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalikom infuskom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtrotia pubblika xjentement ghamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajtu taghrif falz, billi bdiltu numru serjali ta' magna tat-tip VW li hija mwahhla fuq il-gaffa tat-tip 'Bobcat' hawn fuq msemmija;

4. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamiltu falsifikazzjoni jew ghamiltu uzu minn dokument iehor falsifikat billi ghamiltu bdil f'numru serjali ta' magna tat-tip VM li qeghda mwahhla fuq il-gaffa tat-tip 'Bobcat' hawn fuq msemmija.

Lil **Cristino Grech** wahdu, talli rrendejt ruhek recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta mill-Magistrat Dr. A.Micallef Trigona LL.D datata 20 ta' Dicembru 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-15 ta' Gunju 2005 (ara *folio* 100) u l-kunsens ta` l-imputati sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 171) propju fl-udjenza ta` llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi dan il-process, bhal hafna ohrajn, kien gie distrutt minhabba nirien li kienu hakmu l-awla fejn kien qed jinzamm lura fis-sena 2004. Il-Qorti, diversament preseduta, kienet allura ordnat li l-process jigi rikostruwit. Din il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq ir-rizultanzi processwali wara tali rikostruzzjoni tal-process. In oltre, dan il-process kif rikostruwit, kien gie ghand din il-Qorti kif issa hija preseduta in segwitu ghall-assenjazzjoni ufficcjali li saret f'Awwissu 2013 wara li l-Magistrat sedenti kien gie elevat ghal Imhallef;

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-udjenza ta` llum stess l-imputati ammettew ghall-imputazzjonijiet kif migjuba fil-paragrafi (2), (3) u (4), u baqghu jinsistu fuq din l-ammissjoni anki wara li inghataw zmien skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw.

Il-Qorti qieset sew l-atti u definittivament irrizulta li l-imputati ma kellhom xejn x'jaqsmu ma xi forma ta` serq kif allegat mill-prosekuzzjoni fl-ewwel imputazzjoni.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, u in vista tad-dikjarazzjoni maghmulha mill-imputati fl-udjenza ta` llum stess hawn fuq indikata, din il-Qorti tista tghaddi ghad-dikjarazzjoni dwar ir-reita`.

**Ikkunsidrat;**

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija – u f'dan il-kaz jigi mfakkar li l-ammissjoni zgur ma kinitx wahda bikrija - ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala depozizzjonijiet ta' xhieda.

Il-Qorti qieset ukoll it-trapass taz-zmien li ha dan il-kaz.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**KONKLUZJONI;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 261(c)(f), 267, 270, 279(b), 281, 334, 187, 188, 289, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati **Cristino Grech u Carmelo Grech** mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberahom skond il-ligi, izda ssibhom hatja, fuq ammissjoni taghhom stess, tat-tieni, t-tielet

u r-raba imputazzjonijiet kif dedotti u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux ebda reat matul il-perjodu ta` 18-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huma jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu msemmi

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur